








# L-Għolja ta' Spencer fil-Marsa

*minn Alfred Caruana*



Jekk hawn post li jgħaġġibni bl-istorja dan huwa ċertament il-Marsa. Qed ngħid hekk mhux għax ngħix hawn imma nistqarr dan bil-fatti. Kull kantuniera, kull triq, għandha l-istorja tagħha imma kultant ma nagħtux kas biżżejjed l-importanza storika li sawret is-sisien tal-Port il-Kbir ta' pajjiżna. U ntenni li bilfors kellu jiġri hekk. Kull ħakkiem għadda mill-Marsa u ħalla l-marka tiegħu. Nibdew bir-Rumani u nispiċċaw bl-Ingliżi, jiġifieri 'l fuq minn elfejn sena storja! L-importanza ġeografika u strateġika tagħha kienet fattur ewlieni li wassal għal dan kollu. Ibqa' ċert illi kieku kellna nħaffru u jsiru riċerki u skavi kif imiss jibdew ħerġin meravilji li saħansitra jwasslu għal rotot storiċi ġodda mhux biss f'Malta iżda fil-Mediterran kollu.

Imma ejja nagħtu ħarsa lejn it-titlu ta' dan l-artiklu. L-Ingliżi kienu l-aħħar ħakkiema tagħna. Ġejjin minn imperu li kien kważi nofs id-dinja magħrufa, kellhom saħħa kbira u, ta' nies intelliġenti li kienu, kellhom mod biex jaħkmu pajjiż. Biss ħafna nobbli Ingliżi, minħabba ċ-ċokon, il-klima u l-ħlewwa ta' pajjiżna, kienu rabbew relazzjoni speċjali u ħallew xi ftit storja warajhom ukoll.

Waqt riċerka li kont qiegħed nagħmel ġew f'idi dokumenti ta' Sir Robert Cavendish Spencer u d-djarju u rakkonti fuq il-vapur li kien jikkmanda HMS Madagascar. Komplejt nagħmel ftit riċerka oħra u skoprejt fatt storiku interessanti sew. Jekk insemmu s-sekli 18 u 19, insibu li l-Imperu Ingliż kien fl-aqwa tiegħu. Dan Sir Robert Cavendish Spencer kien ġej minn familja antika sew b'għeruq nobbli tant li iktar tard fl-artiklu naslu biex insiru nafu min huma l-aħħar membri tal-familja tiegħu. Iżda bis-saħħa ta' din il-ġrajja



nisġet storja oħra fil-Marsa. L-ewwel ejja mmorru lejn dik il-parti li nsejħulha l-Għolja ta' Spencer fejn illum hemm il-Go Telephone Exchange.

Inti u sejjer fit-triq prinċipali lejn il-Furjana, sewwa sew fil-post magħruf aħjar bħala l-Blata l-Bajda, fit-tarf tal-Marsa hemm ġnien iħares lejn il-Menqa. Dan il-ġnien, lura fiż-żmien, kien abitat b'ħafna familji li waqgħatilhom id-dar fil-gwerra. Id-djar kienu qishom bħall-*boathouses* tal-Armier u bis-saħħa tal-kappillan Patri Feliċjan Bilocca tneħħew kollha. Dan il-ġnien iġib l-isem ta' Spencer u fl-istess inħawi hemm it-telgħa u l-monument ta' Spencer. Ħafna jistaqsu, "Min kien dan Spencer u x'rabta għandu mal-Marsa?"

Sir Robert Cavendish Spencer K.C.H. twieled fl-1791 fid-dar tal-familja Spencer f'Althorp, Northamptonshire. Kien serva wkoll bħala s-segretarju privat tar-Re Gulliermu IV meta kien għadu bit-titlu ta' Duka ta' Clarence bejn l-1827 u l-1828. Kien maħbub ħafna mar-Re u tah it-titlu ta' Sir. Ftit wara qabad karriera navali u kien sar kaptan fis-Servizz Navali Ingliż. Għalkemm qasira, kellu karriera brillanti. Meta ġie Malta kien joqgħod il-Belt Valletta u kien maħbub ferm minn sħabu u mill-ekwipaġġ tal-frejgata tiegħu li kienet iġġib l-isem ta' H.M.S. Madagascar. Huwa miet fuqha waqt li kien Lixandra fl-Eġittu fl-4 ta' Novembru 1830 eżatt meta d-Duka ta' Clarence laħaq Re fi żmien il-gvernatur Major General Sir Frederick Cavedish Ponsomby. Wara li nġieb Malta ġie midfun fil-Bastjun ta' San Mikiel, il-Belt Valletta, fit-12 ta' Diċembru wara li nżamm erbgħin ġurnata



kwarantina ġewwa Lazzarett. Il-quddiesa kien għamilha Reverendu David Morton li kien il-kappillan tal-HMS Madagascar.

Il-kliem tal-mafkar jgħid hekk:

HERE LIES THE
BODY OF CAPTAIN
THE HONOURABLE
SIR ROBERT CAVENDISH
SPENCER KCH AGED 39 YEARS
WHO DEPARTED THIS LIFE ON
BOARD AND IN COMMAND OF
HIS MAJESTY'S SHIP
MADAGASCAR AT ALEXANDRIA
ON THE 4TH DAY OF NOVEMBER
1830

L-uffiċjali, il-baħrin u n-negozjanti tal-frejgata waqfu mafkar għoli f'ġieħu li



sar mill-arkitett Ġorġ Pullicino fl-1831. Għall-ewwel tqiegħed fuq l-għolja ta' Kordin iżda f'April tal-1893 dan il-monument tneħħa u sab postu fil-Marsa fejn għadna narawh sal-lum. Kien b'hekk li dawk l-inħawi għadhom iġibu ismu. Ta' min isemmi wkoll li wieħed mill-magażini tal-armamenti ta' taħt Kordin huwa msemmi għalih ukoll – Spencer Magazine.



Fuq dan il-monument hemm tliet irħamiet, tnejn b'kitbiet bl-Ingliż u waħda bil-Latin li jfakkru l-ġrajja tal-Kaptan, u l-irħama ż-żgħira tfakkar it-trasferiment tal-monument għall-Marsa. Qabel, dan il-monument li jinsab fuq pedestall b'ħames targiet, kien fil-ġenb tat-triq u ħdejh kien hemm ħawt kbir biex jixorbu minnu l-bhejjem. Ġara li meta fis-snin sittin sar il-proġett tal-*flyover* u t-triq twessgħet, dan il-musulew forma ta' obelisk ġie fin-nofs. Fil-gwerra ġie milqut b'għadd ta' xablin meta bombi waqgħu f'dawk l-inħawi fit-3 ta' Frar 1942. F'waħda mill-maltempati ntlaqat ukoll minn sajjetta li qaċċtitlu l-ponta ta' fuq. Wara ġie rrestawrat mill-ġdid u llum hemm biċċa mogħdija bil-ħaxix miżmuma sew u bir-raġun għax min jaf kemm jgħaddu Maltin kuljum bil-karozzi tagħhom kif ukoll dinjitarji mid-dinja kollha!

Issa nerġa' ndur ftit lura lejn il-familja Spencer. Waħda mill-affarijiet li skoprejt kienet kemm dawn in-nobbli jżommu relazzjoni sabiħa mal-familjari tagħhom stess u għandhom sens kbir ta' gratitudni lejn l-antenati tagħhom. Mela l-Prinċipessa Diana u missierha kienu jitkellmu fuq Sir Robert Cavendish Spencer u hi kienet dejjem tinstema' tgħid fuqu bil-kliem eżatt, *her* "lost great great great Uncle", jiġifieri li huwa jiġi z-ziju taz-ziju taz-ziju li jqisuh mitluf. Kienet tgħid hekk għal diversi raġunijiet, fosthom għax mhux midfun magħhom l-Ingilterra u għax għex ħajja relattivament qasira. Anki d-destin tagħha hekk kellu jkun għax hi mietet kważi tal-istess età tal-antenat tagħha Sir Robert Spencer! Ħaġa oħra interessanti hi li Sir Winston Churchill huwa wkoll membru tal-familja ta' Spencer tant li ismu suppost kien Sir Winston Leonard Spencer-Churchill.

It-tfal ta' Diana Spencer, jiġifieri William u Harry, għalkemm kunjomhom Windsor (li huwa l-kunjom obbligatorju tal-familja rjali Ingliża) qed iġorru d-dixxendenza ta' Spencer ukoll ġaladarba ommhom hija Spencer. Ara d-destin fejn jasal! U William għad ikun re tad-dixxendenza Spencer!

Nixtieq il-festa t-tajba lill-Marsin kollha.

Referenzi:-
*Malta Grand Harbour and its Dockyard,* Michael Cassar u Joseph Bonnici